## 30 ta' Mejju, 1995

## Imħallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**

Thomas Fenech

*versus*

Carmelo sive Charles Busuttil *et*

## Mandat ta' Inibizzjoni

*Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa wieħed kawtelatorju u jinħareġ fuq dak li jkun jirriżulta* prima facie. *Jista' jiġi kkontestat b'ċitazzjoni biex jiġi, jekk jirriżulta l-maqlub, revokat.*

*Jekk l-appellanti dehirlhom li l-Qorti li ddekretat il-mandat kienet ineżatta, kien messhom ikkontestaw id-digriet skond il-liġi. Jekk imbagħad riedu jkunu ċerti fuq liema art kellha sseħħ l-inibizzjoni l-oneru kien jinkombi fuqhom u mhux fuq ħaddieħor.*

Il-Qorti:-

Fit-30 ta' Marzu, 1993 il-Qorti tal-Kummerċ tat id-deċiżjoni hawn taħt riportata fil-kawża fl-ismijiet premessi li kienet tgħid hekk:

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fit-3 ta' Marzu, 1993 li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi din il-Qorti b'mandat numru 248 tat-28 ta' Diċembru, 1992 inibiet lill-konvenuti milli jgħaddu minn fuq il-proprjeta` li qiegħda fl-isqaq ippjanat, Sqaq Mrabat, Tas-Sliema, mmarkata bl-aħmar fil-pjanta Dok. A annessa ma' dak il-mandat;

Premess illi bi sfida ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni l-konvenuti qegħdin jgħaddu jew jippermettu lill-impjegati, kuntratturi jew dipendenti tagħhom li jgħaddu bir-riġel, bl-inġenji jew b'xi mod ieħor fuq din il-proprjeta`;

Premess illi b'hekk il-konvenuti rrendew ruħhom ħatja ta' disprezz ta' l-awtorita` ta' din il-Qorti;

Talab li din il-Qorti ssib lill-konvenuti ħatja ta' disprezz ta' l-awtorita` tagħha, u tikkundannahom għall-pieni stabbiliti mil-liġi,

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti għas-subizzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-attur ippreżentat kontestwalment maċ-ċitazzjoni li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tappunta u tittratta din il-kawża bl-urġenza, bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali u bid-dispensa tal-ferje;

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Marzu, 1993 li bih din il-Qorti ordnat komunika tiegħu u ta' l-istess digriet lill-konvenuti, flimkien ma' kopja taċ-ċitazzjoni u appuntat il-kawża bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali għad-9 ta' Marzu, 1993 f'nofs-in-nhar u tat żmien lill-konvenuti sa dak in-nhar qabel il-ħin fuq imsemmi biex jippreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li mhux minnu illi l-esponenti qegħdin jiksru l-ordni tal-Qorti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Il-Qorti għalhekk tara illi t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu milqugħa;

Konsegwentement il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha in kwantu kisru l-ordni maħruġ minn din il-Qorti in segwitu għal proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2448/92;

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Marzu, 1993 li bih din il-Qorti ordnat komunika tiegħu u ta' l-istess digriet lill-konvenuti, flimkien ma' kopja taċ-ċitazzjoni u appuntat il-kawża bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali għad-9 ta' Marzu, 1993 f'nofs-in-nhar u tat żmien lill-konvenuti sa dak in-nhar qabel il-ħin fuq imsemmi biex jippreżentaw in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew:

Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li mhux minnu illi l-esponenti qegħdin jiksru l-ordni tal-Qorti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Il-Qorti għalhekk tara illi t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu milqugħa;

Konsegwentement il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tagħha in kwantu kisru l-ordni maħruġ minn din il-Qorti in segwitu għal proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2448/92;

Wara li rat il-provvedimenti ta' l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12;

Tikkundanna lill-istess konvenuti f'sehem indaqs bejniethom multa ta' Lm1,500 (elf u ħames mitt lira) komplessivament. Spejjeż tal-kawża għall-konvenuti";

Il-konvenuti ħassewhom aggravati bil-preċitata deċiżjoni u nterponew appell minnha b'nota tat-12 ta' April, 1993 li ġiet segwita b'petizzjoni ta' appell;

Illi bħala aggravju l-appellanti konvenuti jissottomettu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u intepretazzjoni ħażina tal-liġi. Huma jagħtu in suċċint il-versjoni tal-fatti hekk:

*Omissis*;

L-attur appellat wieġeb li:

Illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Illi l-initimati deħrilhom li setgħu impunement jisfidaw ordni ċar tal-Qorti u jirrevokaw bil-forza tal-gaffa mandat tal-inibizzjoni billi dan kien qiegħed itellifhom fit-tellieqa tagħhom mal-profitt mill-ispekulazzjoni;

Illi, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-konvenuti li kienu jafu li kien hemm <u>ordni</u> biex ma jgħaddux minn fuq art partikolari, ma jistgħux jeżimu ruħhom mir-responsabbilta` billi jgħidu li ma jafux liema kienet dik l-art;

Il-Qorti eżaminat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-

trattazzjoni ta' l-appell. Tibda biex tirrileva li għal dak li jinteressa l-fatti tal-każ - invażjoni ta' art proprjeta` ta' l-appellat - l-ewwel Qorti semgħet u jidher ukoll evidenti li eżaminat sew dak li rriżulta mid-deposizzjonijiet tal-kontendenti. Deher pjuttost ċar li l-appellanti tassew daħlu illegalment u abbużivament fil-proprjeta` li fuqha huma ġew espressament inibiti mill-Qorti biex ma jidħlux in forza ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan il-mandat huwa wieħed kawtelatorju u jinħareġ fuq dak li jkun jirriżulta *prima facie*. Jista' jiġi kkontestat b'ċitazzjoni biex jiġi, jekk jirriżulta l-maqlub, revokat. X'għamlu l-appellanti wara li ġew servuti bil-mandat? Baqgħu għaddejjin bl-inġenji bħallikieku xejn! U dan meta skond ma ssottomettew huma fil-petizzjoni ta' l-appell: "l-ordni tal-Qorti hija sagrosanta u m'għandhiex b'ebda mod tinkiser". Jekk wieħed jifli x-xhieda mogħtija mill-appellanti jsib li r-risposti xotti tagħhom għal domandi preċiżi huma dejjem evażivi. Mill-bqija u minn dak li xehed, per eżempju, Emanuel Chircop, għandu jirriżulta li l-inġenji għaddew u mhux m'għaddewx mill-proprjeta` ta' l-appellat;

L-appellanti sostnew li ma kienx jispetta lilhom li jieħdu l-briga li jiġu servuti bi pjanta li turi mnejn sewwa sew ma kellhomx jgħaddu. Dan hu raġonament legalment skorrett;

Jekk l-appellanti dehrilhom li l-Qorti li ddekretat il-mandat kienet ineżatta, kien messhom ikkontestaw id-digriet skond il-liġi. Jekk imbagħad riedu jkunu ċerti fuq liema art kellha sseħħ l-inibizzjoni l-oneru kien jinkombi fuqhom u mhux fuq ħaddieħor. L-ordni tal-Qorti ma ħarġitx għalxejn u fil-vojt. Mhux biżżejjed li wieħed jgħid li għadda l-atti tal-Qorti lill-avukat tiegħu u daqshekk. *Del resto* lanqas jidher li l-appellanti kienu daqstant perplessi jew minimament ikkonċernati bl-eżistenza jew bin-neċessita` ta' pjanta tas-sit. Carmelo Busuttil (ara. fol. 46) lanqas biss jiftakar jekk fir-

rikors għall-ħruġ ta' mandat kienx hemm riferenza għall-pjanta! Lil Emanuel Chircop saritlu d-domanda segwenti:

"Taf li l-Qorti ordnatilkom li ma tgħaddux minn fuq il-parti mmarkata bl-aħmar fuq il-pjanta?"

Ir-risposta - waħda sintomatika - kienet hekk:

"Naf li biex ma ngħaddux, pero' tajtha lill-avukat u mxejna minn hemm";

Id-deposizzjoni tat-tielet appellant imbagħad, jiġifieri dik ta' Joseph Farrugia, tkompli taċċentwa aktar in-nonkuranza murija mit-tnejn l-oħra. Jgħid li "mhux suppost li għaddejna hekk! Anzi ngħid li m'għaddewx". Mistoqsi jekk kellimx lill-ħaddiema, ir-risposta tiegħu hija din:

"Fuq x'hiex imma?";

Meqjus kollox, din il-Qorti ma ssib xejn skorrett fl-apprezzament tal-fatti jew fl-intepretazzjoni tal-liġi da parti ta' l-ewwel Qorti. Finalment, l-appellanti ssottomettew li f'kull każ il-piena inflitta kienet waħda esaġerata u sproporzjonata. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha u ta' l-aġir ta' l-appellanti, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni li tiddisturba, billi tirriduċi l-penali inflitta;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra

għhom.